



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Mejju 2013 (13.05)
(OR. en)**

8982/13

ENV	340
STATIS	35
RECH	126

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	23 ta' April 2013
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D026242/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta u servizzi ġeografiċi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni D026242/02.

Mehmuż: D026242/02



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
D026242-02
[...] (2013) XXX draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' XXX

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta u servizzi ġeografiċi

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1089/2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta u servizzi ġeografiċi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta u servizzi ġeografiċi² jistabbilixxi l-arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta ġeografika relatati mat-temi ta' dejta ġeografika fl-Anness I tad-Direttiva 2007/2/KE.
- (2) Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà sħiħa tas-settijiet ta' dejta ġeografika, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta ġeografika relatati mat-temi ta' dejta ġeografika fl-Annessi II u III tad-Direttiva 2007/2/KE.
- (3) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ġenerali tal-arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta ġeografika inklużi f'dan ir-Regolament, l-arranġamenti tekniċi eżistenti għall-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta ġeografika relatati mat-temi ta' dejta ġeografika fl-Anness I tad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jiġu emendati.
- (4) L-ewwel nett, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-listi ta' kodiċijiet għandhom jiġu emendati sabiex jippermettu approċċ flessibbli għad-deskrizzjoni tal-valuri tal-listi ta' kodiċijiet fuq livelli differenti ta' dettall u sabiex jipprovdu għall-arranġamenti tekniċi biex il-listi ta' kodiċijiet estenzi jiġu kondiviżi.
- (5) It-tieni, ir-restrizzjoni tal-proprjetajiet ġeografiċi għall-iskema ġeografika Simple Feature (karatteristika sempliċi) għandha tiġi llaxkata sabiex ikun hemm il-possibbiltà li d-dejta 2,5D tkun disponibbli wkoll.
- (6) It-tielet, għandu jiġi introdott element ta' metadejta addizzjonali sabiex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni tat-tip ta' rappreżentazzjoni ġeografika (spatial representation type) użata għal sett ta' dejta.
- (7) Ir-raba', it-tema ta' dejta ġeografika "Sistemi ta' Grilji Ġeografiċi" għandha tiġi estiża sabiex takkomoda grilja b' multiriżoluzzjoni bbażata fuq koordinati ġeografiċi.

¹ ĠU L , , p. .

² ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11.

- (8) Il-ħames, it-tema ta' dejta ġeografika "Unitajiet Amministrattivi" għandha tiġi estiża sabiex jiġi deskritti l-unitajiet amministrattivi marittimi.
- (9) Is-sitta, sabiex jiġi evitat li ċerti tipi ta' kandidati jikkoinċidu mat-tipi ta' oġġetti ġeografiċi speċifikati għat-temi ta' dejta ġeografika tal-Annessi II u III għad-Direttiva 2007/2/KE, dawn għandhom jitneħħew mit-temi ta' dejta ġeografika "Unitajiet Amministrattivi" u "Idrografija".
- (10) Ir-Regolament (UE) Nru 1089/2010 għandu għalhekk, jiġi emendat skont dan.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2007/2/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1089/2010 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
 - (a) is-sentenza tal-bidu hija sostitwita bit-test li ġej:
"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin kif ukoll id-definizzjonijiet speċifiċi għat-temi stabbiliti fl-Annessi:"
 - (b) il-punt 4 huwa mħassar;
 - (c) fil-punt 6, "ISO 19103" hija sostitwita b'"ISO/TS 19103:2005";
 - (d) fil-punt 9, "EN ISO 19135" hija sostitwita b'"EN ISO 19135:2007";
 - (e) fil-punt 11, "EN ISO 19128" hija sostitwita b'"EN ISO 19128:2008";
 - (f) fil-punt 13, "EN ISO 19115" hija sostitwita b'"EN ISO 19115:2005/AC:2008";
 - (g) fil-punt 15, "EN ISO 19135" hija sostitwita b'"EN ISO 19135:2007";
 - (h) fil-punt 18, "ISO 19103" hija sostitwita b'"ISO/TS 19103:2005";
 - (i) il-punti 21 sa 30 li ġejjin huma miżjuda:
 - "21. 'proprietà (property)' tfisser attribut jew rwol ta' assoċjazzjoni,
 22. 'tip ta' unjoni (union type)' tfisser tip li jikkonsisti f'alternattiva waħda u waħda biss minn diversi alternattivi (elenkati bħala attributi tal-membri), skont l-ISO/TS 19103:2005,
 23. 'klassi ta' assoċjazzjoni (association class)' tfisser tip li jiddefinixxi proprjetajiet addizzjonali dwar relazzjoni bejn żewġ tipi oħrajn,
 24. 'kopertura (coverage)' tfisser oġġett ġeografiku li jagħmilha ta' funzjoni għall-valuri ta' ritorn mill-medda tiegħu għal kwalunkwe pożizzjoni diretta fi ħdan id-dominju ġeografiku, temporali jew ġeotemporali tiegħu, skont l-ISO 19123:2007,
 25. 'dominju (domain)' tfisser sett iddefinit sew, skont l-ISO/TS 19103:2005,
 26. 'medda (range)' tfisser sett ta' valuri ta' attributi ta' karatteristiki assoċjati minn funzjoni mal-elementi tad-dominju ta' kopertura, skont l-EN ISO 19123:2007,

27. ‘grilja rettifikata (rectified grid)’ tfisser grilja li għaliha jkun hemm trasformazzjoni affini bejn il-koordinati tal-grilja u l-koordinati ta’ sistema ta’ referenza ta’ koordinati, skont l-EN ISO 19123:2007,

28. ‘grilja referenzabbli (referenceable grid)’ tfisser grilja assoċjata ma’ trasformazzjoni li tista’ tintuża sabiex il-valuri tal-koordinati tal-grilja jiġu kkonvertiti f’valuri ta’ koordinati referenzjati għal sistema ta’ referenza ta’ koordinati esterna, skont l-EN ISO 19123:2007,

29. ‘tassellazzjoni (tessellation)’ tfisser tqassim ta’ spazju f’sett ta’ spazji kontigwi iċken li jkollhom l-istess dimensjoni bħall-ispazju li jkun qed jitqassam. Tassellazzjoni fi spazju 2D tikkonsisti f’sett ta’ poligoni mhux sovrapposti li jkopru reġjun ta’ interess kompletament,

30. ‘valur idjaq (narrower value)’ tfisser valur li jkollu relazzjoni ġerarkika ma’ valur prinċipali iktar ġenerali.”

(2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 1 huwa sostitwit bit-test li ġej:

“1. Għall-iskambju u għall-klassifikazzjoni ta’ oġġetti ġeografiċi minn settijiet ta’ dejta li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/2/KE, l-Istati Membri għandhom jużaw it-tipi ta’ oġġetti ġeografiċi u t-tipi ta’ dejta, l-enumerazzjonijiet u l-listi ta’ kodiċijiet assoċjati li ġew iddefiniti fl-Annessi II, III u IV għat-temi li s-settijiet tad-dejta jkunu relatati magħhom.”

(b) Ir-referenzi kollha għall-“Anness II” fil-punti 2 u 3 huma sostitwiti b’referenzi għall-“Annessi”.

(c) Fil-punt 3, it-tieni sentenza hija sostitwita bit-test li ġej: “Il-valuri tal-enumerazzjonijiet u tal-listi ta’ kodiċijiet jiġu identifikati b’mod uniku permezz ta’ kodiċijiet mnemoniċi newtrali għall-kompjuters. Il-valuri jistgħu jinkludu wkoll isem speċifiku għal-lingwa li għandu jintuża għal interazzjoni umana.”

(3) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa mħassar.

(4) L-Artikolu 6 huwa sostitwit bit-test li ġej:

“Artikolu 6

Listi ta’ Kodiċijiet u Enumerazzjonijiet

1. Il-listi ta’ kodiċijiet għandhom ikunu ta’ wieħed mit-tipi li ġejjin, kif ġie speċifikat fl-Annessi:

(a) listi ta’ kodiċijiet li l-valuri permessi tagħhom jinkludu l-valuri speċifikati f’dan ir-Regolament biss;

(b) listi ta’ kodiċijiet li l-valuri permessi tagħhom jinkludu l-valuri speċifikati f’dan ir-Regolament u valuri idjaq iddefiniti mill-fornituri tad-dejta;

(c) listi ta’ kodiċijiet li l-valuri permessi tagħhom jinkludu l-valuri speċifikati f’dan ir-Regolament u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta;

(d) listi ta’ kodiċijiet li l-valuri permessi tagħhom jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Għall-finijiet tal-punti (b), (c) u (d), minbarra l-punti permessi, il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE (INSPIRE Technical Guidance) rilevanti disponibbli fuq il-websajt tal-INSPIRE taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

2. Il-listi ta' kodiċijiet jistgħu jkunu ġerarkiċi. Il-valuri tal-listi ta' kodiċijiet ġerarkiċi jista' jkollhom valur prinċipali iktar ġenerali. Fejn il-valuri validi ta' lista ta' kodiċijiet ġerarkika jiġu speċifikati f'tabella f'dan ir-Regolament, il-valuri prinċipali jiġu elenkati fl-aħħar kolonna.
3. Fejn, għal attribut li t-tip tiegħu jkun lista ta' kodiċijiet kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-paragrafu 1, fornitur tad-dejta jipprova valur li ma jkunx speċifikat f'dan ir-Regolament, dak il-valur u d-definizzjoni tiegħu għandhom ikunu disponibbli f'reġistru.
4. L-attributi jew ir-rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġetti ġeografiċi jew ta' tipi ta' dejta li t-tip tagħhom ikun lista ta' kodiċijiet jistgħu jieħdu biss valuri li jkunu permessi skont l-ispeċifikazzjoni tal-lista ta' kodiċijiet.
5. L-attributi jew ir-rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġetti ġeografiċi jew ta' tipi ta' dejta li jkollhom tip ta' enumerazzjoni jistgħu jieħdu biss valuri mil-listi speċifikati għat-tip ta' enumerazzjoni."
- (5) Fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 8 u fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 11, ir-referenzi għall-"Anness II" huma sostitwiti b'referenzi għall-"Annessi".
- (6) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:
 - (a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-dominju tal-valur tal-proprjetajiet ġeografiċi ddefiniti f'dan ir-Regolament għandu jiġi ristrett għall-iskema ġeografika Simple Feature kif ġiet iddefinita f'Herring, John R. (ed.), *OpenGIS® Implementation Standard for Geographic information – Simple feature aċċess – Part 1: Common architecture, version 1.2.1*, Open Geospatial Consortium, 2011, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor għal tema ta' dejta ġeografika speċifika jew għal tip ta' dejta ġeografika speċifiku.
 - (b) Il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

"Unitajiet SI" hija sostitwita b'"Unitajiet SI jew unitajiet mhux SI aċċettati għall-użu mas-Sistema Internazzjonali tal-Unitajiet".
- (7) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 6 li ġej huwa miżjud:

"6. Tip ta' Rappreżentazzjoni Ġeografika: Il-metodu użat sabiex l-informazzjoni ġeografika tiġi rrappreżentata b'mod ġeografiku."
- (8) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:
 - (a) Il-paragrafu 2 (b) huwa sostitwit bit-test li ġej:

"(b) it-tip(i) ta' oġġett(i) ġeografiku/ġeografiċi jew subsett tiegħu/tagħhom, li jikkostitwixxi/u l-kontenut tas-saffi."
 - (b) Il-paragrafu 3 li ġej huwa miżjud:

"3. Għat-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li l-oġġetti tagħhom jistgħu jiġu kklassifikati ulterjorment billi jintuża attribut b'valur ta' lista ta' kodiċijiet, jistgħu jiġu ddefiniti diversi saffi. Kull wiehied minn dawn is-saffi għandu jinkludi l-oġġetti

ġeografiċi li jikkorrispondu għal valur wieħed speċifiku ta' lista ta' kodiċijiet. Fid-definizzjoni ta' settijiet ta' saffi bħal dawn fl-Annessi II, III u IV, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- (a) l-ispazju riżervat <CodeListValue> għandu jirrappreżenta l-valuri tal-lista ta' kodiċijiet rilevanti, bl-ewwel ittra tkun ittra kapitali;
- (b) l-ispazju riżervat <human-readable name> għandu jirrappreżenta l-isem li jista' jinqara mill-bniedem tal-valuri tal-listi ta' kodiċijiet;
- (c) it-tip ta' oġġett ġeografiku għandu jinkludi l-attribut u l-lista ta' kodiċijiet rilevanti fil-parenteżi;
- (d) għandu jingħata eżempju wieħed ta' saff.”

- (9) L-Anness I huwa emendat kif ġie stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (10) L-Anness II huwa emendat kif ġie stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
- (11) L-Anness III, kif stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.
- (12) L-Anness IV, kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President